



Brussell, 24 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9699/20

TRANS 316
AVIATION 145
MAR 99
CONSOM 120

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 9694/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-konformità mal-miżuri meħtieġa ta' iġjene u ta' kontroll tal-infezzjonijiet biex jiġi żgurat it-trasport kollettiv transfruntier tal-passiġġieri"

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-konformità mal-miżuri meħtieġa ta' iġjene u ta' kontroll tal-infezzjonijiet biex jiġi żgurat it-trasport kollettiv transfruntier tal-passiġġieri", approvati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub fl-24 ta' Lulju 2020.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar

Il-konformità mal-miżuri meħtieġa ta' iġjene u ta' kontroll tal-infezzjonijiet biex jiġi żgurat it-trasport kollettiv transfruntier tal-passiġġieri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

WARA LI KKUNSIDRA

- il-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar ir-restawr progressiv tas-servizzi tat-trasport u tal-konnettività tat-13 ta' Mejju 2020¹
- il-Gwida tal-UE biex jerġgħu jibdew progressivament is-servizzi tat-turiżmu u għall-protokoll tas-saħħa fi stabbilimenti tal-ospitalità tat-13 ta' Mejju 2020²,

JIEĦU L-IMPENN li jaqdi r-rwol tiegħu biex terġa' tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea fis-sistemi tat-trasport kollettiv transfruntier tal-passiġġieri, billi jippromwovi l-użu ta' sett ta' miżuri kkoordinati u affidabbli li jipproteġu s-saħħa pubblika u s-saħħa tal-persunal impjegat fis-settur tat-trasport kollettiv transfruntier tal-passiġġieri, sabiex jiġi ppreservat u jissaħħaħ is-suq uniku filwaqt li tiġi restawrata l-konnettività sħiħa;

JINNOTA li għalissa l-pandemija tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet relatati biddlu x-xejriet tal-mobbiltà tal-persuni u wasslu għal tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' passiġġieri fil-modi kollha tat-trasport kollettiv tal-passiġġieri;

JILQA' l-fatt li, waqt li r-restrizzjonijiet fuq il-moviment u l-ivvjaġġar gradwalment qed jiġu llaxkati u l-kontrolli introdotti temporanjament fil-fruntieri interni qed jitneħħew, l-għadd ta' passiġġieri qed jerġa' jiżdied;

¹ C(2020) 3139 (final)

² C(2020) 3251 (final)

JIKKONFERMA li s-servizzi transfruntiera ser joperaw mingħajr xkiel biss jekk il-miżuri għall-modi kollha tat-trasport ikunu trasparenti u kkomunikati b'mod ċar sabiex il-passiġġieri jkunu jafu qabel il-bidu tal-vjaġġ tagħhom jekk l-obbligi u r-rakkomandazzjonijiet japplikawx fil-post tat-tluq u fid-destinazzjoni tagħhom u għall-mezzi tat-trasport li ser ikunu qed jużaw, u jekk ikun il-każ, x'inhuma dawk l-obbligi u r-rakkomandazzjonijiet; u li din l-informazzjoni tiġi aġġornata regolarment biex tkun żgurata l-affidabbiltà tagħha;

IQIS li l-miżuri restrittivi kollha adottati għall-protezzjoni tas-saħħa u għall-prevenzjoni ta' aktar infezzjonijiet tal-COVID-19 jenħtieġ li jiġu adattati b'mod kostanti għas-sitwazzjoni epidemjoloġika kif meħtieġ u, fil-prinċipju, ma għandhomx jibqgħu fis-seħħ wara li s-sitwazzjoni terġa' lura għall-kundizzjonijiet ta' qabel il-COVID-19;

IQIS li, kemm jista' jkun, is-setturi kollha tat-trasport jenħtieġ li jiġu ttrattati b'mod konsistenti u **JAQBEL** mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li, sabiex jinżammu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, l-operaturi tat-trasport li jipprovdu servizzi ekwivalenti għandhom ikunu soġġetti għal standards ekwivalenti;

JINNOTA, MADANKOLLU, li l-iżvilupp u l-applikazzjoni sussegwenti ta' soluzzjonijiet individwali li jirriflettu l-ispeċifitajiet ta' kull mod ta' trasport għal servizzi transfruntiera madwar l-Ewropa ser jibqa' jkollhom ukoll importanza kruċjali sabiex tiġi ppreservata u tissaħħaħ l-attrawenza tad-diversi modi ta' trasport kollettiv transfruntier tal-passiġġieri filwaqt li jiġi żgurat li s-saħħa kemm tal-passiġġieri kif ukoll tal-persunal tkun protetta;

JISĦAQ fuq l-importanza li kwalunkwe devjazzjoni minn dan l-approċċ komuni tkun ibbażata b'mod sħiħ u trasparenti fuq l-aħjar evidenza epidemjoloġika disponibbli li ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu;

MINKEJJA l-ħtieġa li terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-passiġġieri fl-ivvjaġġar sikur, **JISSOTTOLINJA** li l-Istati Membri għandu jkollhom flessibbiltà biex japplikaw il-miżuri promossi hawn, fid-dawl tal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika;

BILLI l-miżuri li ġejjin ma jistgħux jeliminaw l-infezzjonijiet iżda, jekk jiġu segwiti, jistgħu jimminimizzaw ir-riskju ta' infezzjoni;

JISĦAQ fuq l-importanza li ċerti regoli bażiċi dwar l-iġjene u ta' kontroll tal-infezzjonijiet japplikaw għas-servizzi tat-trasport kollettivi transfruntiera tal-passiġġieri kollha, irrispettivament mid-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-post tat-tluq jew fid-destinazzjoni. **JISSUĠĠERIXXI** li dawn ir-regoli jkunu kkoordinati u li l-Istati Membri jippromwovu b'mod partikolari l-miżuri li ġejjin:

- kull fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu, il-vjaġġaturi kollha jenħtieġ li jżommu distanza sikura minn persuni oħra, bl-eċċezzjoni ta' membri tal-familja jew tal-unità domestika tagħhom li jkunu qed jivvjaġġaw magħhom;
- fejn ikun teknikament fattibbli, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati u, jekk possibbli, sfruttati l-għażliet kollha biex jitnaqqas il-kuntatt fiżiku, pereżempju billi jiżdied l-użu ta' biljetti diġitali u ta' spezzjonijiet diġitali tal-biljetti;
- fil-qafas eżistenti, jiġu ffaċilitati l-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri biex jitnaqqas kemm jista' jkun il-kuntatt bejn il-persunal u l-passiġġieri;
- sakemm ma jkunux jistgħu jittieħdu miżuri tekniċi jew organizzattivi oħra biex tinżamm distanza fiżika, jingħata s-suġġeriment li, f'konformità mal-miżuri nazzjonali ta' kontroll tal-infezzjonijiet, il-vjaġġaturi jgħattu ħalqhom u mneħirhom fuq il-mezzi kollha tat-trasport li joperaw servizzi kollettivi transfruntiera tal-passiġġieri (vetturi, ferroviji, bastimenti u ajruplani, punti ta' aċċess u infrastruttura tal-imbark u tal-iżbark);
- jenħtieġ li fuq il-mezzi kollha tat-trasport li joperaw servizzi transfruntiera jiġu żgurati ċirkolazzjoni adegwata ta' arja friska u provvista regolari ta' arja friska u
- jenħtieġ li l-mezzi kollha tat-trasport li joperaw servizzi kollettivi transfruntiera tal-passiġġieri (vetturi, ferroviji, bastimenti u ajruplani, punti ta' aċċess u infrastruttura tal-imbark u tal-iżbark) jitnaddfu aktar bir-reqqa u, fejn it-tindif kun diġà sar, jenħtieġ li jinżamm standard għoli ta' ndafa; dan jista' jinkludi d-disponibbiltà ta' prodotti diżinfettanti;

IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-entitajiet responsabbli biex ikomplu jagħmlu kampanji ta' informazzjoni u pubbliċitarji sabiex tissaħħaħ il-fiduċja tal-vjaġġaturi billi jissensibilizzawhom dwar il-miżuri meħuda biex titrażżan il-pandemija, inkluż billi jiskoraġġixxu lill-vjaġġaturi milli jimbarkaw kwalunkwe mezz ta' trasport meta jesperjenzaw sintomi tal-COVID-19;

IĦEĠĠEĠ lill-operaturi tat-trasport li jipprovdu servizzi transfruntiera u lill-aġenti tal-ivvjaġġar, b'mod partikolari, biex fuq is-siti web tagħhom u fuq is-software ta' applikazzjonijiet għal apparati mobbli ("apps") tagħhom u f'intervalli frekwenti fuq ir-rotot ta' aċċess u fuq il-mezzi ta' trasport, jagħmlu disponibbli l-informazzjoni kollha li jkollhom dwar ir-regoli tal-iġjene u l-imġiba rakkomandata fi spazji pubbliċi u fuq il-mezzi tat-trasport, kull meta jkun possibbli;

JISSUĠĠERIXXI li s-settur tat-trasport bl-avjazzjoni jsegwi l-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA), l-ECDC u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), li ġew ippubblikati b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19;

JISSUĠĠERIXXI li s-settur tat-trasport marittimu jsegwi l-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u l-ECDC;

JISSUĠĠERIXXI li s-settur tat-trasport bil-ferrovija jsegwi l-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) u l-ECDC;

JILQA' l-linji gwida żviluppati mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kruċieri fuq ix-Xmajjar (IGRC) u l-Unjoni tan-Navigazzjoni Interna (EBU) dwar it-tisħiħ tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma intern u tal-kruċieri fuq ix-xmajjar;

JIEĦU NOTA tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet żviluppati mill-Unjoni Internazzjonali tat-Trasport bit-Triq (IRU) għal servizzi transfruntiera ta' xarabanks u kowċis;

JISTIEDEN lill-Kummissjoni Ewropea biex tkompli l-koordinazzjoni tal-applikazzjoni tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet dwar it-trasport adottati fil-livell nazzjonali u tal-UE b'rabta mal-COVID-19, eż. permezz tan-network ta' punti ta' kuntatt nazzjonali;

IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jikkoordinaw bejniethom l-azzjonijiet meħuda u jikkontribwixxu b'mod attiv għal skambju regolari ta' fehmiet dwar l-aħjar prattiki;

JENFASIZZA li l-ħolqien u ż-żamma tas-sit web "Re-open_EU" mill-Kummissjoni Ewropea huma ta' importanza ewlenija, **IĦEĠĠEĠ** lill-Istati Membri kollha biex jirrapportaw lill-Kummissjoni Ewropea r-regoli, il-proċeduri u r-rakkomandazzjonijiet kollha li f'dak il-mument ikunu applikabbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom u biex dejjem iżommu din l-informazzjoni aġġornata u **JINNOTA**, f'dan il-kuntest, l-iżvilupp ta' sistema ta' traċċar tal-kuntatti u ta' twissija fl-UE kollha;

IĦEĠĠEĠ l-implimentazzjoni tal-prinċipji msemmija hawn fuq mill-Istati Membri, fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, u **JISTIEDEN** lil partijiet ikkonċernati oħra biex jimplimentawhom fl-oqsma rispettivi tagħhom;

IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jikkunsidraw l-applikazzjoni xierqa tal-miżuri ssuġġeriti f'dawn il-konklużjonijiet anke għas-servizzi kollettivi domestiċi tal-passiġġieri.
